**Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

**CCT 190/14/MS**

**Jonathan Cortis**

**vs**

**Pace & Mercieca Ltd**

Illum 2 ta' Marzu 2015

It-Tribunal

Ra t-talbá tar-rikorrent tas-27 ta' Awwissu 2014.

Ra illi s-socjeta' konvenuta ma dahlitx risposta ghad li r-rapprezentant taghha deher il-Qorti u spjega l-versjoni taghha.

Ra d-dokumenti kollha ezebit, inkluzi l-kopji tal-ordinijiet maghmula u l-atti kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra:**

Illi rrizulta mill-provi illi fid-9 ta' Mejju 2014, ir-rikorrent mar ghand is-socjeta' konvenuta biex igib kwotazzjoni ghal sitt siggijiet. Fid-19 ta' Lulju 2014, ir-rikorrent accetta din il-kwotazzjoni u ghamel l-ordni li kellha tigi ezegwita fi zmien sitt gimghat minn dik id-data. Fuq dan hallas depozitu ta' mija u hamsin Euro (€150.00)

Illi sussegwentement ir-rikorrent gie infurmat illi s-socjeta' konvenuta ma kenitx sejra tesegwixxi l-ordni kif miftiehem izda b'tibdiliet zghar. Ir-rikorrent irrifjuta u qed jitlob it-Tribunal li jgieghel lis-socjeta' konvenuta tesegwixxi l-ordni kif miftiehem.

**Ikkunsidra:**

Illi meta r-rikorrent accetta il-kwotazzjoni tas-socjeta' konvenuta ghall-ordni specifika fi zmien specifikat u hallas depozitu li gie accettat, dahal f'relazzjoni kontrattwali diretta mas-socjeta' konvenuta li din tesegwixxi fedelment u skond l-arti u s-sengha lill-karigu mitlub u l-attur ihallas il-prezz miftiehem. Mal-accettazjoni, ntrabtu z-zewg partijiet u hadd minnhom ma jista' sussegwentement unilataralment ibiddel it-termini tal-ftehim.

Illi s-socjeta' konvenuta ghalhekk ma tistax issa tbiddel it-termini tal-ftehim billi toffri lir-rikorrent xi hag'ohra barra minn dak pattwit. Mhijiex skuza illi tghid illi l-prodott m'ghadux isir. Dan is-socjeta' konvenuta missu ratha qabel ma ghamlet il-kwotazzjoni u mhux wara li din giet accettata u d-depozitu mhallas. Issa, s-socjeta konvenuta m'ghadhiex triq ohra hlief li tonora l-obbligazzjoni taghha u wara, bid-dritt, tiltob il-hlas shih kif pattwit.

It-Tribunal jirrileva illi fil-formula tat-Tribunal, taht is-sezzjoni intitolat 'Dettalji Dwar it-Talba', ir-rikorrent qed jitlob is-somma ta' €493.92. Ovvjament dana jrid jiftiehem fil-kuntest tat-talba maghmula mill-istess rikorrent, fl-ahhar pagna tal-formola, fejn ir-rikorrent mhuwiex qed jitlob flus lura izda esekuzzjoni ta' ftehim pattwit. Fuq dan ir-rikorrent ghandu ragun.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent, jordna lis-socjeta' konvenuta li tesegwixxi fi zmien sitt gimghat mid-data ta' din is-sentenza l-ordni li ghamel l-attur kif jirrizulta mid-dokumenti ezebiti.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**